C/2026/1943

25.3.2026

Avviż mill-Gvern ta' Malta dwar id-Direttiva 94/22/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-kondizzjonijiet għall-għoti u l-użu ta' awtorizzazzjonijiet għall-prospettar, esplorazzjoni u produzzjoni ta' idrokarburi

(C/2026/1943)

Pkont l-Avviż mill-Gvern ta' Malta dwar id-Direttiva msemmija hawn fuq ippubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* fis-27 ta' April 2023 (2013/C 145/10), id-Dipartiment tal-Blata Kontinentali fi ħdan il-Ministeru għall-Finanzi b'dan jinnotifika li issa ż-Żona 2 u ż-Żona 7 huma miftuħa għall-awtorizzazzjoni fuq bażi permanenti, kemm b'liċenzja ta' esplorazzjoni kif ukoll b'liċenzja ta' esplorazzjoni u produzzjoni.

Skont l-Avviżi 2013/C 127/04, 2014/C 99/4, 2015/C 97/05, 2019/C 258/05 u 2022/C 428/04, iż-żoni u l-blokok li ġejjin jibqgħu miftuħa għall-awtorizzazzjoni fuq bażi permanenti taħt liċenzja ta' esplorazzjoni jew liċenzja ta' esplorazzjoni u produzzjoni:

(i) Iż-Żona 1

(ii) Iż-Żona 3 (Blokok 1, 2, 3, 4, 5, 6, 7 u 8)

(iii) Iż-Żona 4 (Blokok 1, 2, 3, 4, 5, 6 u 7)

(iv) Iż-Żona 5 u

(v) ż-Żona 6.

L-applikazzjonijiet għandhom isiru b'mod konformi mal-Iskeda taħt ir-Regolament 6 tar-Regolamenti tal-Petroleum (Produzzjoni) S.L. 156.01. Għandhom japplikaw il-miżati li ġejjin:

— Għandha titħallas tariffa tal-applikazzjoni ta' għaxart elef euro (EUR 10 000) għal liċenzja għall-esplorazzjoni.

— Għandha titħallas tariffa tal-applikazzjoni ta' għoxrin elf euro (EUR 20 000) għal liċenzja għall-esplorazzjoni u l-produzzjoni.

Informazzjoni dwar dan l-avviż, flimkien ma informazzjoni dwar il-koordinati ġeografiċi taż-żoni u l-blokok, tista' tinkiseb billi tikkuntattja lid-Direttur Ġenerali tad-Dipartiment tal-Blata Kontinentali f'Blokk E, Triq Antonio Maurizio Valperga, Floriana, FRN 1700, Malta fuq dgcs.csmalta@gov.mt u fuq continentalshelf.gov.mt.